MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 417/2008

A B

vs

C B E

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fis-6 ta' Settembru 1999 fir-Registru Pubbliku biss u dan kif jirrizulta mic-certifkat taz-zwieg anness u markat Dok A;
2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal Joseph li ghandu 8 snin u Mario li ghandu 5 snin;
3. Illi sentejn wara li zzewgu l-partijiet ir-rikorrenti sar jaf li martu ghandha depression izda haseb li din hija depression normali;

4. Illi meta l-intimata kienet tqila biz-zghir l-psikjatra Dr Ethel Felice hasbet li ghandha post natal depression izda meta z-zghir kellu sentejn l-istess Dr Felice infurmat lill-partijiet li l-intimata tbaghti minn bi-polar disorder qabel maghrufa bhala manic depression;
5. Illi ir-rikorrenti gie infurmat minn l-istess psikjatra Dr Ethel Felice li hija marda ereditarja u meta Dr Ethel Felice kkonfrontat lil martu intimata l-istess martu ammettiet maghhom li qabel iz-zwieg hija kienet taf b'din il-kondizzjoni psikologika u li kienet qed tiehu l-kura izda li qatt ma qalet lil zewgha b'dan;
6. Illi l-intimata qatt ma infurmat lir-rikorrenti b'dan;
7. Illi l-partijiet izzewgu peress li l-intimata kienet tqila u l-partijiet izzewgu ghax hekk kien jaqbel ghan-nies milli ghalihom (Dok B u Dok C certifkati tat-twelid tat-tfal);
8. Illi xahrejn wara li zzewgu l-intimata martu ammettiet mar-rikorrenti li hija kellha relazzjoni extra-matrimonjali ftit wara z-zwieg;
9. Illi sena wara z-zwieg l-intimata baghtet tghid lir-rikorrenti li xtaqet li tiehu break izda fuq insistenza tar-rikorrenti l-partijiet baqghu flimkien;
10. Illi sentejn wara z-zwieg l-istess intimata ammettiet ma missierha li hija qatt ma habbitu u li ma ghandhiex imhabba lejn l-istess rikorrenti u li zzewgitu ghax kienet tqila u baqghet dejjem tghid dan il-kliem;
11. Illi f'Dicembru tas-sena 2007 hija telqet mid-dar matrimonjali u marret ghand missierha fejn ghadha tghix sal-lum u t-tfal baqghu mar-rikorrenti li ghadu jiehu hsiebhom sal-lum;
12. Illi kieku r-rikorrenti kien jaf li l-intimata kienet tbaghti minn dina l-marda zgur li ma kienx jizzewwigha;
13. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwetqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;
14. Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

15. Illi l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni :

1. Tiddikjara u tiddecidi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-6 ta' Settembru 1999 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta tal-konvenuta, li *in forza* taghha eccepiet:

1. Illi l-eccipjenti taqbel li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (1999) huwa null u bla effett skond il-ligi, u dan billi l-kunsens taz-zewg partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenjali taz-zwieg, kif ukoll billi l-kunsens tal-istess partijiet kien vizzjat peress li nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu ;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment ;
Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat is-6 ta' Settembru 1999 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c), 19 (1)(d) u 19(1) (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg.

**Il-verzjoni tar-rikorrent**

Ir-rikorrent jibbaza t-talbiet tieghu principalment fuq tliet fatturi u cioe' li z-zwieg sehh ghaliex l-intimata kienet harget tqila qabel iz-zwieg u ghalhekk izzewgu ghax hekk kien jaqbel ghan-nies, li l-intimata zammet minnu l-fatt li hija tbati bil-*bi-polar depression* u minkejja li kienet taf dwar dan, ma qaltlu xejn qabel iz-zwieg u li fil-verita' qatt ma habbitu.

Dwar l-ewwel fattur u cioe' li z-zwieg sehh ghaliex l-intimata kienet harget tqila, r-rikorrent jghid li hekk kif saru jafu l-genituri taghhom, rieduhom jizzewgu kif fil-fatt sar b'mod mghaggel minghajr ma lanqas sar tieg.

Dwar it-tieni fattur u cioe' li l-intimata zammet minnu l-fatt li kienet tbati minn *bi-polar depression,* r-rikorrent jirrakkonta li l-intimata traskurat lil binha kompletament b'dan li riedet tiehdu ghal gimgha shiha jew ghand ommu jew ghand ommha (minkejja li hu ma riedx). L-agir taghha wkoll kien hazin b'dan li jispjega li sahansitra kien hemm episodju fejn marret ghalih b'siggu (pero' ma gara xejn). Bdiet thedded li ser titlaq mid-dar u fil-fatt fis-sena 2002 telqet mid-dar u intavolat kawza ta' separazzjoni. Ftit taz-zmien wara, cediet din il-kawza u regghet irritornat lura d-dar. Wara t-twelid tat-tieni wild, l-intimata bdiet turi letargija fix-xoghol tad-dar u f'dak li jirrigwarda l-minuri u ghalhekk gie rakkomandat li tmur ghand psikjatra. Dr. Ethel Felice ghall-ewwel hasbet li l-intimata kienet qed tbati minn *post natal depression* izda kif bdiet tohrog l-istorja medika taghha, hareg car li qabel iz-zwieg kienet tiehu l-kura psikjatrika u kienet taht xi medicina wkoll, izda mbaghad kienet iddecidiet li twaqqafhom ghal kollox u ma tibqax tmur ghall-kura. Jespecifika li sar jaf b'dan kollu waqt din is-sessjoni mal-psikjatra u li aktar importanti, qabel iz-zwieg ma kien jaf b'xejn. L-intimata marret ghall-aghar wara t-twelid tat-tieni tarbija tant li ippruvat tiehu

ruhha b'idejha u kienet ta' sikwit tghid li riedet ittemm hajjitha. Fuq rakkomandazzjoni tal-psikjatra Dr. Ethel Felice, l-intimata ddahlet l-isptar Monte Carmeli u kien f'dan iz-zmien li r-rikorrent skopra li martu kienet tbati minn *bi-polar depression* u skopra wkoll li tali kondizzjoni hija wahda genetika, tintiret u li fuq kollox, martu stess kienet taf biha tant li kienet tmur ghall-kura taghha qabel iz-zwieg.

Jghid li t-tfal gew prattikament abbandunati minnha tant li l-Agenzija Appogg intervenew u mhux l-ewwel darba li stqarru li riedu li jihdulhom it-tfal. Pero' min-naha taghha, l-intimata ma kienitx taghti kaz, anzi kienet tghid li uliedhom zgur li mhux ser ikunu l-ewwel ulied li jittiehdu lill-genituri mill-Appogg. Jghid li baqghet tmur ghall-kura ghand il-psikjatra Dr. Ethel Felice u sa' fejn jaf hu, ghadha tmur.

Dwar it-tielet fattur u cioe' li l-intimata qatt ma habbitu, r-rikorrent isemmi episodju li sar jaf dwaru xi xahrejn wara z-zwieg. Jghid li martu stqarret mieghu li ftit tal-granet wara li zzewgu kellha relazzjoni sesswali ma' wiehed mill-kollegi taghha ta' fuq ix-xoghol. Minkejja li din l-ahbar xejn ma kienet pjacevoli, r-rikorrent ghazel li jipprova jirranga s-sitwazzjoni ta' bejniethom. Pero' ftit tax-xhur wara, l-intimata qaltlu li riedet *break* b'dan li hu ma accettax, anzi haseb li din setghet kienet fazi li ser tghaddi. Jiddikjara li missierha kixifha li stqarret mieghu li fil-verita' qatt ma habbitu b'dan li l-intimata (li kienet prezenti wkoll waqt tali konversazzjoni) ma cahditx dak li kien qed jghid missierha. Minkejja tali dikjarazzjoni u minkejja l-fatt li missierha kellem avukat, il-partijiet iddecidew li jergghu jaghtu cans iehor u dan *stante* li r-rikorrent rega' haseb li din setghet kienet fazi li ser tghaddi. Fis-sena 2007 l-intimata harget mid-dar matrimonjali, abbandunat lil uliedha kompletament biex b'hekk ir-rikorrent rabba lill-ulied wahdu.

L-intimat jaghlaq l-affidavit tieghu billi jghid li li kieku kien jaf b'din il-kondizzjoni zgur li ma kienx jizzewwigha.

**<u>Il-verzjoni tal-intimata</u>**

L-attur ipprezenta ittra[1] miktuba mill-konvenuta stess fejn fi kliemha tihodna lura ghall-istorja taghhom. Taghti dettalji li r-rikorrent ma jaghmel ebda forma ta’ referenza ghalihom, fosthom akkuzi li r-rikorrent kien abbuza sesswalment minn xi tfal meta kien tal-Muzew u li kien ir-rikorrent stess li kien imur ghand psikjatra, cioe’ Sandra Scicluna Calleja. L-intimata, filwaqt li tikkonferma li telqet mid-dar darbtejn, tikkonferma wkoll li kellha *depression* qabel iz-zwieg u li inghatat il-pilloli pero’ tghid li wara li spiccat il-kors kollu, waqfithom ghaliex ma kienitx taf li jekk twaqqafhom setghet tmur ghall-aghar.

Tghid ukoll li giet abbuzata sesswalment minn xi hadd fuq ix-xoghol u tghid li kixfitu mas-superjuri taghha pero’ ma tkomplix tispjega kif spiccat din il-kwistjoni. Tikkonferma li kienet tmur ghand il-psikjatra Dr. Ethel Felice, izda tghid li skopriet li hija *bi-polar* wara z-zwieg (ghalkemm kellha *depression* qabel iz-zwieg). Prezentement tghix ma’ missierha (ghalkemm kien hemm zmien fejn kienet tghix f’Dan Santa Teresa Spinelli u Dar Merbha Bik).

Taghlaq billi tghid li tixtieq li z-zwieg taghhom jigi dikjarat null ghaliex tixtieq li tibda pagna gdida.

Imbaghad in subizzjoni[2], l-intimata terga’ tikkonferma li hija tbati minn tali kondizzjoni u kif meta tiehu l-medikazzjoni necessarja thossha ahjar. Tispjega li minghajr tali pilloli tirriskja li jkollha *relapse*. Mistoqsija dwar jekk tali kondizzjoni kienitx taffetta d-decizjonijiet taghha, tikkonferma dan u zzid tghid li d-decizjonijiet taghha baqghu hekk affettwati sakemm fl-ahhar giet *diagnosed* (u dan fiz-zmien li kienet diga’ mizzewga). Tghid ukoll li huwa probabbli hafna, anzi kwazi certa li qabel iz-zwieg kienet qed tbati minn tali kondizzjoni minkejja li dak iz-zmien kienet ghadha m’hijiex *diagnosed*. Tghid hekk ghaliex kien hemm zmien, anke qabel ma ltaqghet mar-rikorrent, li ma kienitx qed tirraguna tajjeb

[1] Ara a fol 73 tal-process
[2] Ara x-xhieda taghha a fol 103 tal-process

b'dan li meta kienet tkun *high* kienet tkun aktar '*sexually promiscuous*' fis-sens li xejn m'hu xejn u tikkonferma wkoll li qabel iz-zwieg kienet ghaddiet minn *depression*.

L-intimata tikkonferma wkoll li meta zzewgu, hi kienet tqila bl-ewwel wild taghhom u tikkonferma li l-fatt li kienet tqila, affettwa d-decizjoni taghha li tizzewweg lil A, pero' tghid li kienet thobb lir-rikrorent.

Taghlaq billi tghid u tikkonferma li fil-perjodu ta' qabel iz-zwieg u fil-mument taz-zwieg kienet ghaddejja minn kondizzjoni medika li kienet qed taffettwa d-decizjonijiet taghha u tali kondizzjoni medika affettwat ukoll id-decizjoni taghha biex tidhol ghaz-zwieg[3].

Imbaghad, permezz tax-xiehda taghha tat-3 ta' Dicembru 2013, l-intimata tghid li kien ir-rikorrent stess li qalilha li kien abbuza minn tlett subien u kien ukoll abbuza minn hutu l-bniet pero' tghid li minkejja dan, m'emmnitx dak li kien qed jghidilha u ghalhekk, kompliet bir-relazzjoni taghhom biex imbaghad ftit wara harget tqila bl-ewwel wild taghhom. Izzid tghid li ma zzewgux bil-Knisja minhabba l-allegazzjonijiet ta' abbuz li kellu r-rikorrent u kien ghalhekk li zzewgu biss civilment. Tikkonferma li zzewgu ghaliex kienet tqila qabel iz-zwieg, pero' fl-istess nifs tghid li li kieku ma kienitx tqila, kienet xorta tizzewwgu. Fl-istess nifs pero' tghid li r-rikorrent ma kienx ihobbha verament ghaliex kien isawwatha u dam isawwatha tant li tghid li kien ghalhekk li telqet mid-dar u sabet rifugju l-ewwel f'Merhba Bik u l-Ghabex imbaghad ghand missierha.

Dwar il-kondizzjoni taghha, terga' tikkonferma li qabel iz-zwieg kellha *depression* u kienet diga' tbati bil-kondizzjoni tal-*bi-polar* pero' ma kienitx ghadha taf li dan kien rizultat tal-istess kundizzjoni peress li kienet ghadha m'hijiex *diagnosed*. Tghid li qabel iz-zwieg kellha s-sintomi tal-kondizzjoni b'dan li daqqa tkun "***very high jew very low***"[4]. Tikkonferma wkoll li kien ir-rikorrent li ha hsieb lill-

---

[3] Ara a fol 104 tal-process
[4] Ara a fol 115 tal-process

ulied u ghadu jiehu hsiebhom sal-gurnata tal-lum u li l-problemi ta’ bejnha u r-rikorrent kienu dejjem iduru fuq il-kondizzjoni taghha (ghalkemm mhux b’mod volontarju da parti taghha), ghalkemm l-istess rikorrent ipprova jghinha tant li kien hu li dahhalha Mount Carmel u qatt ma ghajjarha dwar tali kondizzjoni.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar is-6 ta’ Settembru 1999 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process. Jirrizulta wkoll li l-intimata kienet tqila fil-mument tal-kunsens taz-zwieg, *stante* li l-wild tal-partijiet Joseph B twieled biss sitt xhur wara l-istess zwieg u cioe’ nhar il-5 ta’ Marzu 2000 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid esebit in atti[5].

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(c) u cioe’ li l-kunsens tar-rikorrent inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga f’dan l-istadju, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor** fejn gie dikjarat li “***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***”. Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine** gie sostnut ukoll li “***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

[5] Ara a fol 6 tal-process

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Il-qorti tirrileva li dwar dan l-Artikolu, iz-zewg partijiet jaqblu li l-kondizzjoni li tbati biha l-intimata u cioe' *bi-polar depression* kienet prezenti qabel iz-zwieg u dan kif jirrizulta ahjar mill-verbal datat l-24 ta' Frar 2009[6]. Izda l-qorti tirrileva li skond ir-rapport tal-espert tal-Qorti Dr. Joseph Vella Baldacchino, rrizulta li l-intimata ghandha l-kapacita' d'*intendere e volere* u ghandha gudizzju intatt flimkien ma' funzjonijiet kognittivi[7] ghalkemm ma wriet l-ebda xewqa li jkollha t-tfal maghha. Jghid ukoll li ghalkemm huwa difficli biex wiehed jistabbilixxi l-istat mentali tal-intimata kif kien fiz-zmien li gie kkontrattat iz-zwieg, mix-xiehda ta' missierha (fejn jinsisti li dak li gara lil bintu sehh kollu wara z-zwieg u mhux qabel) kif ukoll min-notamenti klinici jirrizulta li "***ma kienx hemm evidenza ta' mard mentali meta C B E izzewget."***

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xiehda tal-psikjatra Dr. Ethel Felice[8] fejn wara li tispjega kif taf lill-intimata (dejjem fil-kuntest ta' relazzjoni bejn psikjatra u pazjenta), tispjega li l-istess intimata kellha problemi relatati mal-fatt li ma kienitx kapaci tonfoq kif suppost (*lack of budgeting skills*) u ma kienitx terfa' r-responsabbilita' versu l-ulied, b'dan li l-argumenti bejn il-partijiet kienu jeskalaw anke f'vjolenza domestika. Ghal dak li jirrigwarda l-istat mentali

---

[6] Ara a fol 23 tal-process
[7] Ara a fol 50 tal-process
[8] Ara a fol 85 tal-process

taghha, l-psikjatra tista' tixhed biss dwar dak li taf fattwalment, fis-sens li hi bdiet tara lill-intimata meta kienet tqila bit-tieni tarbija u cioe' wara z-zwieg. Tikkonferma li l-intimata hija *bi-polar* u ma teskludix li din il-kondizzjoni kienet prezenti qabel iz-zwieg pero' fl-istess hin ma tistax tikkonfermaha lanqas ghaliex hi bdiet taraha bhala pazjenta fiz-zwieg u mhux qabel. Tghid ukoll li qabel iz-zwieg, jista' jkun li ma jkunx hemm sintomi.

Mill-provi jirrizulta bl-aktar mod car li d-dijanjosi relatata mal-kondizzjoni tal-*bi-polar* saret wara z-zwieg b'dan li ghalkemm l-intimata kellha *depression* qabel iz-zwieg, ma setghet qatt tikkommetti l-qerq *ai termini* tal-gurisprudenza msemmija aktar 'il fuq ghaliex lanqas hi stess ma kienet taf b'tali kondizzjoni. Il-fatt li d-dijanjosi saret wara z-zwieg juri kemm kien hemm nuqqas ta' intenzjoni ta' qerq da parti taghha (u dan huwa kkorraborat ukoll min-nuqqas ta' prova relatata mal-istess kondizzjoni qabel iz-zwieg) u ghalhekk il-qorti thoss li m'hemmx l-elementi necessarji sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi dikjarat null abbazi ta' dan l-aggravju sempliciment ghaliex l-intimata ma kellha ebda xjenza dwar il-kondizzjoni taghha. Ma kienitx taf il-gravita' tas-sitwazzjoni u l-fatt li kellha *depression* ma jfissirx li qarrqet bir-ragel taghha dwar il-kondizzjoni ghaliex lanqas hi ma kienet taf bl-ezistenza taghha dak iz-zmien.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba anomalija psikologika serja li taghmel il-partijiet inkapaci milli jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[9] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

[9] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"*.*

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[10] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg,  il-qorti thoss li fil-mument propizju, l-intimata ma kienitx f'posizzjoni li taghti l-kunsens liberu u xjenti ghar-rabta taz-zwieg u dan ghaliex, minkejja li ma kienitx konxja mill-kondizzjoni fil-mument propizju tal-kunsens, tali kondizzjoni zammitha milli tevalwa s-sitwazzjoni u zammitha milli tiehu decizjoni

[10] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

oggettiva, specjalment in vista tal-fatt li ma kienitx qed tiehu medikazzjoni u konsegwentement l-istess kondizzjoni ma kienitx kontrollata. Barra minn hekk, jirrizulta wkoll li l-partijiet izzewgu ghaliex l-intimata kienet tqila. Tali sitwazzjoni jidher li waslithom sabiex jiehdu decizjoni mghaggla. Issa tenut kont tal-kondizzjoni tal-intimata u tenut kont tal-fatt li kienet tqila barra z-zwieg u li l-genituri taghhom riduhom jizzewgu, l-qorti thoss li d-decizjoni li jizzewgu ma kienitx wahda libera b'tali mod li l-kunsens ikun wiehed liberu.

Il-qorti tirrileva li f'dan l-istadju ghandha ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[11] fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Mill-provi prodotti jidher li hemm provi bizzejjed biex jinghad li kien hemm nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti tal-partijiet fis-sens li fil-mument propizju, r-rikorrent dahal ghaz-zwieg ghaliex kien hareg lill-intimata tqila, filwaqt li l-intimata dahlet ghal dan iz-zwieg ghaliex ma kienitx f'posizzjoni li tiddeciedi jew tgharbel is-sitwazzjoni b'sens matur u oggettiv u dan anke minhabba l-kondizzjoni taghha li dak iz-zmien kienet ghadha mhux *diagnosed*.

Illi dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[12] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

[11] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

[12] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Il-qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg f’dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. Mill-provi migbura jirrizulta bl-aktar mod car li fil-mument tal-kunsens, iz-zewg partijiet ma kellhom ebda intenzjoni li jaghmlu simulazzjoni. Ghalkemm kif spjegat aktar ‘il quddiem, jirrizulta li l-partijiet ma kellhomx dik id-diskrezzjoni necessarja sabiex jaghtu kunsens validu, dan m’ghamluhx b’sens ta’ sfida jew b’sens li jaghmlu simulazzjoni.

Ghaldaqstant u ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att Dwar iz-Zwieg.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------